MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1121/2006

**Diane Vella, Theodore Vella u Charlotte Vella bħala werrieta tal-mejjet missierhom Noel Vella**

***Versus***

***Medserv Operations Limited***

1. Din il-kawża hija dwar interpretazzjoni u esekuzzjoni ta' sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2004 mill-Qorti tal-Appell. Il-fatti seħħew hekk:

2. Noel Vella, awtur tal-atturi, kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *driver/messenger*. Bi ftehim tal-15 ta' Frar 1994, Noel Vella ngħata *open-ended authorised leave without pay* u fl-isess jum, għalkemm baqa' impjegat bla ħlas mal-konvenuta, inħatar *passenger transport sub-contractor* mal-istess soċjetà. Dan il-*passenger transport sub-contract* inħall fis-7 ta' Frar 1995 u għalhekk Noel Vella ippretenda illi jmur lura għall-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat bi ħlas mal-konvenuta.

3. B'ittra tas-6 ta' Marzu 1995 il-konvenuta għarrfet lil Noel Vella illi "*any relation you had with the company is no longer in existence*". Noel Vella mbagħad fetaħ proċeduri kontra l-konvenuta quddiem it-Tribunal Industrijali għaliex deherlu illi t-tkeċċija mill-impjieg kienet inġusta. Fetaħ ukoll kawża quddiem din il-qorti u talab illi l-konvenuta tiġi kundannata tħallas il-paga tiegħu u l-*bonus* relativ ta' *driver/messenger* b'seħħ mill-15 ta' Jannar 1995, flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż.
4. Il-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali tħallew *sine die* waqt illi dawk ċivili nqatgħu b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fil-15 ta' Mejju 2000. Din il-qorti, wara li qalet illi, meta nħall il-*passenger transport sub-contract* fis-7 ta' Frar 1995, "l-attur [Noel Vella] irriverta għall-pożizzjoni tiegħu ta' qabel", ikkundannat lill-konvenuta tħallas lil Noel Vella l-paga u *bonus* b'seħħ mis-7 ta' Frar 1995. Is-sentenza iżda ma tgħidx sa meta kellu jibqa' għaddej il-ħlas.
5. Is-sentenza tgħid ukoll illi "jekk imbagħad hemm kwistjonijiet oħra dwar tkeċċija mill-impjieg regolari tal-attur, allura dik hi kwistjoni separata u li … … … tispetta lit-Tribunal Industrijali".
6. Il-konvenuta appellat mis-sentenza iżda l-appell kien miċħud fit-30 ta' Ġunju 2004. Noel Vella miet fit-13 ta' Ottubru 2002, qabel ma nqata' l-appell. L-atturi tallum, werrieta ta' Noel Vella, talbu lill-konvenuta tħallashom il-paga u l-*bonus* mis-7 ta' Frar 1995, kif tgħid is-sentenza, sa meta jgħidu li ntemm l-impjieg ta' Noel Vella bil-mewt tiegħu fit-13 ta' Ottubru 2002. Il-konvenuta, billi tgħid illi l-impjieg intemm fis-6 ta' Marzu 1995, offriet mitejn u disgħa u tletin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm239.33) bħala paga u *bonus* mis-7 ta' Frar 1995, kif tgħid is-sentenza, sa meta tgħid hi li ntemm l-impjieg fis-6 ta' Marzu 1995.
7. L-atturi ma aċċettawx l-offerta u fetħu l-kawża tallum biex jitolbu illi l-qorti, wara li (1) tillikwida l-paga u l-*bonus* li kellu jieħu l-awtur tagħhom mis-7 ta' Frar 1995 sat-13 ta' Ottubru 2002, flimkien mal-imgħaxijiet mis-7 ta' Frar 1995, (2) tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata flimkien mal-ispejjeż ġudizzjarji.

8. Il-konvenuta ressqet eċċezzjoni ta' nullità tar-rikors maħluf, li kienet miċħuda b'sentenza tal-31 ta' Ottubru 2008, u ressqet ukoll dawn l-eċċezzjonijiet:
i. l-impjieg ta' Noel Vella mal-konvenuta kien terminat fis-6 ta' Marzu 1995, u għalhekk ebda paga jew *bonus* ma għandhom jitħallsu wara dik id-data; u
ii. il-konvenuta offriet ħlas lill-atturi skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Ġunju 2004, iżda l-atturi ma aċċettawx il-ħlas.
9. Fil-fehma tal-qorti l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta hija tajba. L-impjieg ta' Noel Vella kien mitmum b'seħħ mis-7 ta' Marzu 1995, u hu stess għaraf dan tant illi talab dikjarazzjoni mit-Tribunal Industrijali illi t-tkeċċija mill-impjieg kienet inġusta. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni mit-Tribunal Industrijali, ma huwiex magħruf jekk it-tkeċċija kinitx ġusta jew le; li hu magħruf hu li kien hemm tkeċċija, u għalhekk l-impjieg intemm, u ma jistax jintalab ħlas ta' paga għal żmien meta Noel Vella ma kienx għadu impjegat.
10. Naturalment, jekk it-Tribunal Industrijali jsib illi t-tkeċċija kienet inġusta, ikun jista', jekk jidhirlu xieraq, "jagħti sentenza ta' kumpens," kif igħid u jrid l-art. 81(2)(*a*) tal- Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali [Kap. 452]. Iżda quddiem din il-qorti l-fatt hu illi l-impjieg ta' Noel Vella ntemm fis-6 ta' Marzu 1996, u sa dakinhar biss jista' jitħallas bħala impjegat.
11. Il-qorti għalhekk tgħid illi l-paga u l-*bonus* li kellhom jitħallsu lil Noel Vella huma dawk għaż-żmien mis-7 ta' Frar 1995 sas-6 ta' Marzu 1995, u tillikwida l-istess paga u *bonus* fis-somma ta' mitejn u disgħa u tletin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm239.33), daqs ħames mija u sebgħa u ħamsin euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€557.49).
12. Għalkemm il-konvenuta offriet li tħallas din is-somma, ma għamlitx depożitu u għalhekk għandha tħallas l-imgħaxijiet fuqha mit-18 ta' April 2006, meta saret talba għall-ħlas b'ittra uffiċjali.
13. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi bħala werrieta ta' Noel Vella b'titolu ta' paga u *bonus* għaż-żmien mis-7 ta' Frar 1995 sas-6 ta' Marzu 1995 is-somma ta' ħames mija u sebgħa u ħamsin euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu

(€557.49), flimkien mal-imgħaxijiet relativi mit-18 ta' April 2006.

14. Billi t-talba tal-atturi kienet esorbitanti, u l-kawża saret biss għax ma aċċettawx l-offerta tajba tal-konvenuta, l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom iħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------